



*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0124/2024**

5.2.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Russiagate: allegazzjonijiet ta' ndħil Russu fil-proċessi demokratiċi tal-Unjoni Ewropea  
(2024/2548(RSP))

**Sergey Lagodinsky, Viola von Cramon-Taubadel, Malte Gallée, Markéta Gregorová, Henrike Hahn, Heidi Hautala, Bronis Ropè, Ignazio Corrao, Nicolae Ștefănuță, Alviina Alametsä, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Jakob G. Dalunde, Pär Holmgren**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Russiagate: allegazzjonijiet ta' ndħil Russu fil-proċessi demokratiċi tal-Unjoni Ewropea (2024/2548(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-ndħil barrani u l-korruzzjoni,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-ndħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-ndħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 dwar ir-rakkomandazzjonijiet għal riforma tar-regoli tal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, l-integrità, ir-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tat-13 ta' Settembru 2023 dwar emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament bl-għan li jissafju l-integrità, l-indipendenza u r-responsabbiltà<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2829 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi rapporti minn mezzi tal-media indipendenti fid-29 ta' Jannar 2024 ippreżentaw evidenza konkreta li tiddikjara li l-Membru tal-PE Tatjana Ždanoka setgħet aġixxiet bħala informatur għall-Ħames Servizz tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB) tal-inqas mill-2004 sal-2017; billi l-każ ġie riferut lill-Kumitat Konsultattiv tal-Parlament Ewropew dwar il-Kodotta tal-Membri tal-Parlament Ewropew għall-investigazzjoni; billi s-servizzi tas-sigurtà Latvjani ħabbru wkoll l-investigazzjoni tagħhom stess;
- B. billi l-Federazzjoni Russa hija magħrufa li tuża firxa ta' metodi differenti ta' ndħil, bħala parti minn strateġija akbar biex tagħmel ħsara, tħawwad, tbeżża', iddgħajef u

---

<sup>1</sup> ĠU C 347, 9.9.2022, p. 61.

<sup>2</sup> ĠU C, C/2023/1226, 21.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1226/oj>.

<sup>3</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0292.

<sup>4</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0316.

<sup>5</sup> ĠU L, 2023/2829, 20.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2023/2829/oj>,

taqsam l-Istati Membri tal-UE u tattakka l-funzjonament demokratiku tagħhom, kif ukoll dak tal-istituzzjonijiet tal-UE; billi l-imminar tal-appoġġ għall-Ukrajna fi ħdan l-UE sar għan espliċitu ieħor tal-indhila tal-Federazzjoni Russa fl-ispazji demokratiċi tal-pajjiżi tal-UE;

- C. billi l-ġurnalisti u l-esperti komplew jiżvelaw il-finanzjament mir-Russja tal-attivitajiet politiċi u l-konnessjonijiet mal-politiċi fl-UE qabel u wara l-24 ta' Frar 2022, u dan ipoġġi f'riskju l-integrità tal-funzjonament demokratiku tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE u jeħtieġ investigazzjoni bir-reqqa biex daww il-persuni kompliċi jinżammu responsabbli;
  - D. billi hemm evidenza konkreta li l-organizzazzjoni politika, il-media u l-proċessi elettorali tal-UE qed ikunu fil-mira u qed ikunu l-oġġett ta' ndhila permezz ta' kampanji ta' diżinformazzjoni, skemi ta' korruzzjoni u tattiki oħra mmirati biex jimminaw l-ideali demokratiċi u d-drittijiet fundamentali; billi l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 x'aktarx li jkunu mira speċjali għall-kampanji ta' diżinformazzjoni fil-livell lokali, reġjonali u tal-UE;
  - E. billi l-indhila barrani, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni jimminaw u jheddu serjament il-libertajiet fundamentali tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; billi dawn jimminaw ukoll il-proċessi demokratiċi fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, inkluża l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti;
  - F. billi r-rispons tal-Parlament Ewropew għall-indhila barrani sar aktar viġilanti, l-ewwel bil-Kumitat Speċjali għall-indhila barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-UE u aktar tard wara l-iskandli tal-Qatargate u tal-Morocccogate tal-2022; billi r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament ġew emendati fit-13 ta' Settembru 2023 biex jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u l-obbligu ta' rendikont fil-Parlament; billi, madankollu, għad iridu jittieħdu miżuri aktar robusti biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva minn influwenza esterna indebita;
1. Jikkundanna t-tentattiv ta' ndhila Russu fil-proċessi demokratiċi tal-Unjoni Ewropea; jinsisti li l-awtoritajiet Russi u kwalunkwe individwu jew entità li jaġixxu f'isimhom jeħtiġilhom itemmu dawn il-prattiki; jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kunsill jieħdu miżuri xierqa kontra individwi Russi, u jekk l-allegazzjonijiet ta' ndhila jiġu kkonfermati, sabiex jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-Unjoni tagħna u tal-proċessi demokratiċi tagħha;
  2. Jesprimi tħassib serju dwar rapporti li l-Membru tal-PE Tatjana Ždanoka setgħet aġixxiet bħala informatur għall-Ħames Servizz tal-FSB filwaqt li kienet ukoll qed taqdi l-mandat tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew; jisħaq li huwa essenzjali li l-Parlament Ewropew, kif ukoll l-awtoritajiet Latvjani, jinvestigaw din il-kwistjoni bir-reqqa sabiex jiddeterminaw, mingħajr dewmien, is-sanzjonijiet u l-proċedimenti kriminali xierqa;
  3. Jisħaq li informatur tal-FSB li jkollu aċċess għall-benefiċċji u l-informazzjoni bħala Membru tal-Parlament Ewropew ikun theddida serja għas-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni tagħna; jitlob li ssir investigazzjoni immedjata dwar dawn il-kwistjonijiet, inkluż

kwalunkwe każ potenzjali ieħor ta' ndħil Russu jew barrani ieħor jew tipi oħra ta' ndħil malizzjuż fil-ħidma tal-Parlament Ewropew;

4. Jibqa' sod fl-appoġġ tiegħu għall-isforzi biex jittejbu u jiġu infurzati r-regoli li jipproteġu l-integrità ta' din l-istituzzjoni bħala pilastru tad-demokrazija Ewropea;
5. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-finanzjament sinifikanti tar-Russja u r-rabtiet mill-qrib mal-partiti politiċi u l-politiċi f'għadd ta' pajjiżi madwar l-Ewropa, hekk kif hija ttipprova tindaħal u tikseb ingranaġġ fil-proċessi domestiċi u dawk fil-livell tal-UE;
6. Jesprimi tħassib partikolari dwar rapporti reċenti li l-awtoritajiet Russi qed jipprovdu narrattivi speċifiċi lil partiti u atturi politiċi tal-lemin estrem f'pajjiżi differenti tal-UE, b'mod partikolari fil-Ġermanja u fi Franza, bl-għan li jimminaw l-appoġġ pubbliku għall-Ukrajna, wara l-invażjoni fuq skala sħiħa tar-Russja fl-2022;
7. Jisħaq li, f'din is-sena ta' elezzjonijiet ewlenin, inklużi l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Ġunju, huma meħtieġa reazzjonijiet aktar effettivi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew biex jiġi miġġieled l-ndħil Russu u ndħil barrani ieħor fil-proċessi elettorali, kemm fil-forma ta' attacchi ċibernetiċi, l-użu ta' bots fuq il-media soċjali, diżinformazzjoni mifruxa jew l-użu ta' aġenti ta' influwenza; jappella lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jimplimentaw strateġiji ta' reżiljenza għall-elezzjonijiet;
8. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi ta' monitoraġġ permanenti u li tiġi rinforzata l-implimentazzjoni tagħhom ferm qabel l-elezzjonijiet, ir-referenda u proċessi politiċi importanti oħra madwar l-Ewropa;
9. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jagħmlu investimenti sinifikanti u dejjiema fit-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika tagħna u l-istat tad-dritt, inkluż permezz ta' miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' counter-intelligence tal-UE; jappella lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-kwalità tal-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija, speċifikament il-proposta tat-12 ta' Diċembru 2023 għal direttiva li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937<sup>6</sup>, biex tindirizza b'mod effettiv it-theddid intern ta' influwenza indebita u titbiegħed minn enfasi unika u ineffettiva fuq l-atturi li jirċievu finanzjament barrani;
10. Jisħaq li, lil hinn mill-ispazji demokratiċi tal-UE stess, hemm ħtieġa urġenti għaliha u għall-Istati Membri tagħha li jipprovdu appoġġ imsaħħaħ lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u lill-pajjiżi kandidati, kif ukoll lill-pajjiżi sħab fin-Nofsinar Globali, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni dwar il-bini tar-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà għad-diżinformazzjoni u l-influwenza moħbija u l-propaganda tal-istat Russi, sabiex tiġi miġġielda kwalunkwe dgħufija strateġika jew frammentazzjoni tas-soċjetajiet u l-istituzzjonijiet tagħhom;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni

---

<sup>6</sup> COM(2023)0637.

għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet Russi.